VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 114 tal-2012

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni tal-2012 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, il-President ta' Malta għamel dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2012 dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Ordni Nru. 6). Titolu.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 hija b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet. Art speċifikata.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Novembru 2010 jitqiesu li bdew jitwettqu minn Malta Industrial Parks Limited (C 28965) kif provdut fl-imsemmi artikolu 2 tal-Ordinanza. Jum stabbilit.

4. L-art imsemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni tikkonsisti f'biċċa art, inkluż kull bini li hemm fuqha, ġewwa l-Pietà li tidher immarkata bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2011_654, liema pjanta ġiet transunta fl-Atti tan-Nutar Diana Charles permezz ta' att pubbliku tal-5 ta' Settembru 2011. Deskrizzjoni.